

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8869 — Ryanair/LaudaMotion)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 208/05)

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Ryanair Holdings Plc ("Ryanair", l-Irlanda),
- LaudaMotion GmbH ("LaudaMotion", l-Awstrija).

Ryanair takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' LaudaMotion.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Ryanair: kumpanija tal-ajru li toffri titjiriet bi prezzijiet irħas madwar l-Ewropa,
- LaudaMotion: detentur Awstrijaka taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru li hija proprjetà tal-fondazzjoni privata ta' Niki Lauda, li akkwistat l-assi tal-kumpanija tal-ajru preċedenti NIKI, u reċentement bdiet firxa ta' servizzi skedati primarjament mill-Ġermanja, l-Awstrija u l-Isvizzera lejn destinazzjonijiet tad-divertiment fil-Mediterran u l-Gżejjer Kanarji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8869 — Ryanair/LaudaMotion

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").